ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IT-TMIEN KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 08** **It-Tnejn, 6 ta' Jannar 2020**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn, 6 ta' Jannar 2020, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Renald Falzon (Sindku),
Jerome Caruana Cilia (Kunsillier)
Donnha Barbara (Kunsillier),
Ralph Puli (Kunsillier)
Charlie Cuschieri (Kunsillier),
Daniel Ablett (Kunsillier),
Marvin Zammit (Kunsillier),
Sean Apap Meli (Kunsillier),
Martina Grech (Kunsillier)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

George Muscat (Kunsillier)

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri –Segretarju Eżekuttiv

**TALBA**

Is-Sindku Renald Falzon ippresieda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**08/01 QARI TA’ ITTRI TA’ APOLOĠIJI**

**08/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-ittri ta’ apoloġija preżentata mill-kunsillier George Muscat.

Il-Kunsill qabel li l-assenza hija ġustifikata u għaldaqstant approva l-ittra ta’ apoloġija.

**08/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 06**

**Is-Sindku Renald Falzon** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas- Seduta Nru. 06 li nżammet nhar it-Tnejn, 4 ta’ Novembru 2019 minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

Il-**Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

Il-**Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**08/02/02 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 07**

**Is-Sindku Renald Falzon** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas- Seduta Nru. 06 li nżammet nhar it-Tnejn, 4 ta’ Novembru 2019 minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit talab korrezzjoni** tal-Minuti.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

Il-**Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**08/03 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**08/03/01** **Is-Sindku Renald Falzon** fetaħ il-laqgħa billi awgura s-sena t-tajba lil kulħadd.

**08/03/02** **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li l-proġett ta' Ġnien is-Sajf u s-soft areas ta' Triq id-Deheb Fin jinsabu fil-fażi finali tiegħu.

**08/03/03** **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li ġew installati dwal ġodda fis-soft area ta' Roger Debattista u dwal ġodda fi Ġnien l-Armier.

**08/03/04** **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li jinsab sodisfatt bl-attivitajiet tal-Milied, liema attivitajiet kienu jikkonsistu minn kunċert b'risq id-Dar tal-Providenza u l-Marċ fl-okkażjoni tal-Epifanija.

**08/02/05** **Is-Sindku Renald Falzon** fakkar lill-membri fil-Kunċert Annwali li se jiġi organizzat mill-Għaqda Soċjo-Mużikali Aniċi. Is-Sindku nfurma lill-membri r-raġunijiet għaliex mhux se jindaqq l-Innu ta' Ħal Qormi, fejn qal li mill-informazzjoni li ngħata, minħabba l-fatt li dan il-Programm se jinżamm fil-Knisja, l-mużika tiġi approvata mill-Kurja.

**08/02/06** **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li bħalissa qed isir id-drafting tal-kuntratt tal-baned li mistenni jkun iffinalizzat fil-ġranet li ġejjin.

**08/02/07** **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li ġie ffirmat ukoll ftehim mal-Kummissjoni Teatrali Narbona sabiex bħal kumpaniji l-oħra jingħataw għajnuna finanzjarja sabiex tgħinhom jorganizzaw aktar attivitajiet fil-lokalita'.

**08/03 Rapport tal-Intervisti għall-Vakanza ta' Skrivan Skala 15**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda ir-rapport tal-Intervisti għall-vakanza ta' Skrivan fi Skala 15.

Il-Kunsill approva d-deċiżjoni tal-bord tal-għażla.

**08/04 MOZZJONIJIET**

**08/04/01 Mozzjoni Nru 34 imressqa mis-Sindku Renald Falzon**

Nipproponi biex il-gnien li qed jissebbaħ fit-Triq is-Sajf jingħata l-isem ta "Ġnien Charlon Borg (Il-Mulla)" diskrizzjoni issegwi fid-dokument anness.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**08/04/02 Mozzjoni numru 35 imressqa mis-Sindku Renald Falzon**

"Biex nibqgħu nfakkru l-avvenimenti u l-elevazzjoni tal-Knisja ta' San Ġorġ minn dik Arċiċretali għal dik ta' Kolleġġjata, nipproponi li l-Pjazza ta' quddiem il-Knisja tinghata l-isem "Pjazza tal-Kolleggjata"

Il-membri kollha ssekondaw din il-mozzjoni.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia ppropona li jiġu kkonsultati r-residenti.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**08/04/03 Mozzjoni Nru 36 imressqa mill-Kunsillier Carmelo Cuschieri**

Nipproponi li mis-sena d-dieħla, matul ix-xahar ta' Diċembru, tibda' tiġi organizzata attivita' bejn iż-żewġ parroċċi, li tinvolvi l-għaqdiet lokali kollha, fosthom baned, sportivi, scouts eċċ eċċ, bil-għan li filwaqt li jiġu ċċelebrati l-festi tal-Milied bħala Qriema magħqudin, niġbru fondi għal għan filantropiku.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**08/08 APPROVAZZJONI TAL-PERFORMANCE BONUS TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV U L-IMPJEGATI**

**08/08/01** Wara diskussjoni dwar il-*performance* tal-impjegati, is-Sindku Renald Falzon ressaq din il-mozzjoni.

*"Billi l-kuntratt ta' l-impjegati tal-Kunsill jipprovdi li fl-aħħar tas-sena finanzjarja l-impjegati għandhom jitħallsu l-performance bonus;*

*U billi r-regolamenti finanzjarji jipprovdu wkoll li dan il-Bonus*
*a. m'għandux ikun iżjed minn 6% tar-renumerazzjoni li jkunu qed jitħallsu fil-każ ta' l-impjegati;*

*U billi s-Segretarju Eżekuttiv irrikmanda fir-rapporti mressqa tal-Performance Appraisals, li l-impjegati għandhom jingħataw il-performance bonus kif imsemmi 'l fuq;*

*Qed jiġi riżolt li l-impjegati tal-Kunsilli jitħallsu l-ammont tal-Performance Bonus skont il-persentaġġ kif jidher fir-rapport bl-appraisals ippreżentanti fuq il-mejda;*

*U billi fl-opinjoni tiegħi, s-Segretarju Eżekuttiv għandha tingħata l-massimu tal-performance bonus ta' 10% skont l-appraisal ippreżentat fuq il-mejda;*

**Il-Kunsilliera kollha preżenti** issekondaw l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u jħallas il-performance bonus lill-impjegati. Fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv l-appraisal irid jintbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tad-Direttur.**

**08/09 TENDER EVALUATION REPORT**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-Evaluation report għat-'*Tender for the upkeep and maintanance of gardens, parks and soft areas using enviromental friendly products in the locality of Ħal Qormi'*.

Il-Kunsill iddiskuta r-rapport ppreżentat u aċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

**08/10 KORRISPONDENZA**

**08/10/01 Talba għal rimborż minħabba ħsarat**

**Is-Sindku Renald Falzon** spjega li dan l-inċident probabbli seħħ għax is-sewwieq prova jevita l-isleeping policeman li hemm eżatt fejn hemm il-ħofra. Is-Sindku qal li din il-ħofra setgħet faċilment tiġi evitata, mis-sewwieq.

Wara diskussjoni dwar dawn it-talbiet, is-Sindku nfurma li s-Segretarju Eżekuttiv preparat Policy Paper li ġiet diskussa wkoll mal-Avukat tal-Kunsill, fejn infurma li tali talbiet, jekk jitressqu l-Qorti qed jiġu aċċettati bla preċedent, iżda jekk l-Kunsill jagħti blank cheque, jaf ikun hemm lok ta' abbuż.

**Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** ppropona li għat-tminn xhur li ġejjin il-Kunsill jirrifjuta tali talbiet u min irid jieħu passi kif tippermetti l-liġi.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** saħaq li hu jħossu li mhux sewwa li jdaħħlu lir-residenti f'ħafna spejjeż u burokrazija żejda.

Wara diskussjoni ġie maqbul li titħaddem il-Policy ppreparata mill-Kunsill b'capping sa massimu ta' € 50.00

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** talab li jkun skużat. Hu ħareġ mil- laqgħa fit-8.00p.m.

**08/11 SOTTO KUMITATI/ILMENTI**

**08/11/01** **Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** staqsa meta se jitkompla x-xogħol taz-zuntier. **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li jinsab f'kuntatt mal-kuntrattur responsabbli sabiex jagħtina data meta se jkompli x-xogħol.

**08/11/02** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma li fi Triq l-Aħwa Zammit hemm numru ta' barranin li qed jarmu l-iskart barra. Għaldaqstant qed jitlob li ssir skip. Is-Sindku spjega li kull fejn jeżistu bring-in sites diġa hemm bosta problemi, aħseb u ara jekk issir skip.

**08/11/03** **Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa meta se jinbeda x-xogħol ta' manutenzjoni fuq l-isprall ta' Triq San Edwardu k/m Triq Santa Katerina.

**08/11/04** **Il-Kunsillier Ralph Puli** nfurma lill-membri bil-problemi li qed jaffaċċjaw ir-residenti li jużaw il-mina fi Triq Tal-Bajjada. Is-Sindku Renald Falzon spjega li qed jiddiskuti ma' Transport Malta soluzzjoni għal din il-problema.

**08/11/05** **Il-Kunsillier Ralph Puli** talab li fi Triq il-Vitorja, ħdejn ir-roundabout tal-Monument ta' Dr George Hyzler issir Sleeping Police.

**08/11/06** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** talab li jinqatgħu l-hedges fi Triq il-Mitħna minħabba li qed jgħattu l-viżibilta' tas-sewwieqa.

**08/11/07** **Il-Kunsillier Martina Grech** talbet sabiex issir il-pressjoni meħtieġa sabiex it-trailers eżistenti fi Triq l-Iljun jitneħħew. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli semma li din il-problema tinsab ukoll fi Triq Pietru Felici, filwaqt li l-kunsillier Jerome Caruana Cilia qal li anke fiz-zona ta' Ta' Farżina H/E hemm l-istess problema.

**08/11/08** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** infurma li attenda għall-Konferenza tal-Meusac fejn saħqu l-importanza li japplikaw għal fondi li fadal għas-sena 2020 u talab lill-membri jressqu l-ideat tagħhom sabiex ikun possibli għall-Kunsill li japplika u jibbenefika minn dawn il-fondi. Il-Kunsillier Marvin Zammit qal li bħalissa hemm skema għall-manutenzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ u hemm bosta skemi ta' skambji għaż-żgħażagħ.

**08/11/09** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** infurma li qed jirċievu bosta lmenti mingħand ir-residenti dwar l-iskart, li mhux jiġi sseparat meta jinġabar.

**08/11/10** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** qal li hemm problema kbira ta' żlieq fi Triq San Pietru u Pjazza San Bastjan. Is-Sindku nfurma li jinsab f'kuntatt mal-Perit tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia ppropona li ssir żebgħa bħala hemm fin-niżla li tagħti mill-Mosta għal Burmarrad.

**08/11/11** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li l-mera eżistenti fi Triq il-Kbira opp Triq l-Arkata għadha ma ssewwietx. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din il-mera, f'sena waħda, nbidlet 3 darbiet u mhux sew li min qed jagħmel ħsara mhux jinqabad.

**08/11/12** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa x'sar dwar il-problema bl-ilma tax-xita li qed jidħol għand familja fi Triq San Franġisk. Is-Sindku nfurma li se jerġa' jikkuntattja mal-Perit tal-Kunsill.

**08/11/13** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa jekk hemmx data meta se jinbeda x-xogħol ta' resurfacing fi Triq il-Kanun. Is-Sindku nfurma li m'hemm l-ebda data meta se jinbeda dan ix-xogħol.

**08/11/14** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma li Triq il-Wied, qrib iz-zebra crossing qed tinqasam it-triq u talab li jsir rapport lil Transport Malta/Infrastructure Malta sabiex jinvestigaw x'qed jiġri.

**08/11/15** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** talab li jsiru culverts ġodda fi Triq ir-Rebbiegħa u t-toroq tal-madwar.

**08/11/16** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** talab li jintbagħat il-kennies aktar b'mod regolari fiz-zona ta' Triq Pawlu Farrugia, Triq Armal, Triq G.M. Camilleri, Triq Dun Awliġ Psaila, Triq Fonzu Meli, Triq in-Nassab.

## 08/12 SKEDA TA' ĦLASIJIET

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru.

**Il-Kunsillier Dr Joseph Masini Vento** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru 2019.

## 08/13 AĠĠORNAMENT

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fl-istess nhar tat-Tnejn 3 ta' Frar 2020 fis-6.30p.m.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Renald Falzon | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum it-Tnejn 3 ta' Frar 2020.